32003R1757

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1757/2003

tat-3 ta' Ottubru 2003

li jippreskrivi l-istandard tal-marketing għaz-zukkini u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 1292/81

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96 tat-28 ta' Ottubru 1996 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-frott u l-ħxejjex [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 47/2003(2), u b'mod partikolari l-Artikolu 2 [2],

Billi:

(1) Iz-zukkini huma fost il-prodotti elenkati fl-Anness I li jinsab mar-Regolament (KE) Nru 2200/96 li għalihom għandhom jiġu adottati *standards*. Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1292/81 jippreskrivi l-*istandards* ta' kwalità għall-kurrat, brunġiel u zukkini [3], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 46/2003 [4], ġie emnendat u ma jistax jassigura aktar ċarezza legali.

(2) Fl-interess taċ-ċarezza, ir-regoli dwar iz-zukkini għandhom jiġu separatai minn dawk dwar prodotti oħra taħt ir-Regolament (KE) Nru 1292/81 u dan ir-Regolament għandu jiġi ħekk emendat. Għal dak il-għan, u fl-interess li tiġi priservata t-trasparenza dwar is-suq dinji, għandu jingħata kont ta' l-i *standard* UN/ECE FFV-41 dwar il-*marketing* u l-kontroll tal-kwalità taz-zukkini rakkomandat mill-Grupp ta' Ħidma dwar l-*Isandardisation* ta' Oġġetti li Jitħassru Malajr u l-Iżvilupp tal-Kwalità tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UN/ECE).

(3) L-applikazzjoni ta' dawn l-*istandards* il-ġodda għandha tneħħi prodotti ta' kwalità mhux sodisfaċjenti mis-suq, iġġib il-produzzjoni f'linja mal-ħtiġiet tal-konsumatur u tiffaċilita l-kummerċ ibbażat fuq kompetizzjoni ġusta, u b'hekk tgħin li tittejjeb il-profittabilità.

(4) L-i*standards* huma applikabbli fl-istadji kollha tal-*marketing*. Trasport għal distanza fit-tul, ħażna matul ċertu perjodu u l-proċessi varji li jgħaddu minnhom il-prodotti jistgħu joħolqu xi grad ta' ħassir minħabba l-iżvilupp bijoloġiku tal-prodotti jew tan-natura tagħhom li jitħassru malajr. Għandu jingħata kont ta' dak it-taħsir meta jiġi applikat l-i*standard* fl-istadji tal-*marketing* wara li jintbagħtu.

(5) Billi l-prodotti fil-kalssi "Extra" għandhom jintgħażlu jiġi pakkeġġati b'attenzjoni partikolari, in-nuqqas ta' freskezza biss u n-nefħa għandu jingħata kont tagħhom f'dan il-każ.

(6) Il-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni tal-Frott u l-Ħxejjex,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-*istandard* tal-*marketing* għaz-zukkini li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 0709 90 70 għandu ikun kif stipulat fl-Anness.

L-i*standard* għandu jgħodd fl-istadji kollha tal-*marketing* taħt il-kondizzjkonijiet preskritti fir-Regolament (KE) Nru 2200/96.

Madankollu, fl-istadji wara li jintbagħtu, il-prodotti jistgħu juru, b'relazzjoni mal-ħtiġiet ta' l-i*standard*, nuqqas ħafif ta' freskezza jew infiħ; prodotti ggradati fi klassijiet minbarra l-klassi "Extra" jistgħu b'żieda juri taħsir ħafif minħabba l-iżvilupp tagħhom u t-tendenza li jitħassru malajr.

Artikolu 2

Ir-Regolament (KE) Nru 1292/81 huwa emendat kif ġej:

1. It-Titolu huwa sostitwit bi: "Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1292/81 tat-12 ta' Mejju 1981 li jippreskrivi l-i*standard* tal-*marketing* għall-brinġiel".

2. Fl-Artikolu 1, l-ewwel subparagrafu huwa ssostitwit bi:

   "L-*istandard* tal-*marketing* għall-brinġiel, li jaqa' taħt il-kodiċi NM 0709 30 00, għandu ikun kif stipulat fl-Anness."

3. Fl-Anness II, it-Titolu huwa ssostitwit bi:

   "ANNESS

   STANDARD **GĦALL-BRINĠIEL".**

4. L-Anness III huwa mħassar.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum mill-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu jgħodd mill-1 ta' Diċembru 2003.

[1] ĠU L 297, tal-21.11.1996, pġ. 1.
[2] ĠU L 7, tal-11.1.2003, pġ. 64.
[3] ĠU L 129, tal-15.5.1981, pġ. 38.
[4] ĠU L 7, tal-11.1.2003, pġ. 61.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-3 ta' Ottubru 2003.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

STANDARD GĦAZ-ZUKKINI

I. DEFINIZZJONI TAL-PRODOTT

Dan l-i*standard* japplika għal zukkini, magħtugħa żgħar u torja, qabel maż-żerriegħa tagħhom tkun issodat, minn varjetajiet (varjetajiet imnissla mill-koltivazzjoni) imkabbra mill-*Cucurbita pepo L.* li għandhom jiġu pProvduti friski lill-konsumatur, b'zukkini għall-ipproċessar induStrijali Jkunu eskluży.

Dan l-i*standard* ikopri ukoll zukkini preżentati bil-fjura.

II. DISPOSIZZJONIJIET LI JIRRIGWARDAW IL-KWALITÀ

Il-fini ta' dan l-i*standard* huwa li jiddefinixxi il-ħtiġiet tal-kwalità ta' zukkini wara l-preparazzjoni u l-ippakkjar.

A. **Ħteġijiet minimi**

Fil-klassijiet kollha, bla ħsara għad-disposizzjonijiet speċjali għal kull klassi u t-tolleranzi permessi, iz-zukkini u z-zukkini bil-fjura għandhom ikunu:

— intatti biz-zokk, li jista' jkollu danni ħfief,

— b'saħħithom; il-prodott affettwat mit-tinwir jew mid-deterjorazzjoni hekk li jagħmlu mhux tajjeb għall-konsum jiġi mwarrab,

— nadif, prattikament ħieles għal kollox minn kull materjal barrani li jidher,

— frisk fid-dehra,

— prattikment ħieles mid-dud u l-insetti qerrieda,

— prattikament ħieles mill-ħsara kawżata mid-dud u l-insetti qerrieda,

— ħieles minn umdità mhux tas-soltu fuq barra,

— ħieles minn kull riħa u/jew togħma barranin.

B'żieda, il-frott għandu ikun:

— sod,

— ħieles minn ħofor,

— ħieles minn qsim,

— suffiċjentement żviluppat, mingħajr trasformazzjoni f'ħatab taż-żerriegħa.

L-iżvilupp u l-kondizzjoni għandhom ikunu tali li jippermettulhom:

— li jifilħu għall-ġarr u t-tqandil bl-idejn, u

— li jsalu f'kondizzjoni sodisfaċenti fil-post tad-destinazzjoni.

B. **Klassifika**

Iz-zukkini għandhom ikunu kklassifikati fit-tlett klassijiet definiti hawn taħt:

(i) *Klassi Extra*

Iz-zukkini f'din il-klassi għandhom ikunu ta' kwalità superjuri. Għandhom ikunu karatteristiċi tal-varjetà u/jew it-tip kummerċjali.

Huma għandhom ikunu ukoll:

— żviluppati sew,

— iffurmati sew,

— biz-zokk tagħhom maqtuħħ pulit u ta' tul massimu ta' 3 cm.

Huma għandhom ikunu ħielsa minn diffetti bl-eċċezzjoni ta' difetti ħfief superfiċjali kemm-il darba dawn ma jaffettwawx id-dehra ġenerali tal-prodott, il-kwalità, iż-żamma tal-kwalità u l-preżentazzjoni fl-ippakkeġġar.

(ii) *Klassi I*

Iz-zukkini f'din il-klassi għandhom ikunu ta' kwalità tajba. Huma għandhom ikunu karatteristiċi tal-varjetà u/jew tat-tip kummerċjali.

Id-difetti ħfief li ġejjin jistgħu, madankollu, jitħallew basta iżda illi dawn ma jaffettwawx id-dehra ġenerali tal-prodott, il-kwalità, iż-żamma tal-kwalità u l-preżentazzjoni fil-pakkeġġ:

— difetti ħfief fil-forma,

— difetti żgħar fil-kulur,

— difetti żgħar ħafna fil-qoxra,

— difetti żgħar ħafna minħabba mard kemm-il darba ma jkunux progressivi u ma jaffettwawx il-laħam.

Iz-zukkini għandhom jinkludu zokk ta' tul massimu ta' 3 cm.

(iii) *Klassi II*

Din il-klassi tinkludi zukkini li ma jikkwalifikawx għall-inklużjoni fi klassijiet għola, iżda jissodisfaw il-ħtiġiet minimi speċifikati hawn fuq.

Id-difetti li ġejjin jistgħu ikunu permessi kemm-il darba z-zukkini iżommu l-karatteristiċi essenzali tagħhom fir-rigward tal-kwalità, il-kwalità li iżommu u l-presentazzjoni:

— difetti fil-forma,

— difetti fil-kulur,

— tixwit ħafif tax-xemx,

— difetti żgħar fil-qoxra,

— difetti ħfief minħabba mard kemm-il darba ma ikunux progressivi u ma jeffettwawx il-laħam.

III. DISPOSIZZJONIJIET LI JIRRIGWARDAW L-GĦOTI TAD-DAQS

Id-daqs jiġi stabbilit jew:

— skond it-tul, jew

— skond il-piż.

(a) Għall-għoti tad-daqs skond it-tul, dan jitkejjel bejn mnejn joħroġ iz-zokk u t-tmiem tat-tarf tal-frotta.

It-tul minimu huwa ta' 7 cm u t-tul massimu huwa ta' 35 cm.

Għall-klassijiet Extra u I, iz-zukkini għandu jingħatalhom id-daqs skond l-iskala li ġejja:

— 7 cm sa 14 cm inklużi,

— 14 cm eskluż sa 21 cm inkluż,

— 21 cm eskluż sa 35 cm.

(b) Għall-għoti tad-daqs skond il-piż, il-piż minimu huwa 50 g u l-piż massimu huwa 450 g.

Għall-klassijiet Extra u I, iz-zukkini għandu jingħatalhom id-daqs skond l-iskala li ġejja:

— 50 g sa 100 g inklużi,

— 100 g eskluż sa 225 g inkluż,

— 225 g eskluż sa 450 g.

Il-ħtiġiet tad-daqs la għandhom jgħoddu għal prodotti fiċ-ċokon [1] lanqas għal zukkini ppresentati bil-fjura.

[1] Prodotti żgħar tfisser varjetà jew varjetà mnissla minn koltivazzjoni ta' zukkini, miksuba minn koltivazzjoni ta' pjanti u/jew teknika speċjali ta' koltivazzjoni. Il-ħtiġiet l-oħra kollha ta' l-istandard għandhom jitħarsu.

IV. DISPOSIZZJONIJIET LI JIRRIGWARDAW IT-TOLLERANZI

Jistgħu jiġu permessi tolleranzi rigward il-kwalità f'kull pakkeġġ tal-prodott li ma jissodisfax il-ħteġijiet tal-klassi indikata,

A. **Tolleranzi għall-kwalità**

(i) *Klassi Ekstra*

5 fil-mija skond in-numru jew il-piż ta' zukkini li ma jissodisfawx il-ħtiġiet tal-klassi iżda li jissodisfaw dawk tal-Klassi I jew, eċċezzjonalment, li jkunu jidħlu fit-tolleranzi ta' dik il-klassi.

(ii) *Klassi I*

10 fil-mija skond in-numru jew il-piż ta' zukkini li ma jissodisfawx il-ħtiġiet tal-klassi iżda li jissodisfaw dawk tal-Klassi II jew, eċċezzjonalment, li ikunu jidħlu fit-tolleranzi ta' dik il-klassi.

(iii) *Klassi II*

10 fil-mija skond in-numru jew il-piż ta' zukkini li ma jissodisfaw l-ebda waħda mill-ħtiġiet tal-klassi lanqas il-ħtiġiet minimi, bl-eċċezzjoni ta' prodotti effettwati bi tmermir jew b'xi taħsir ieħor li jagħmluhom mhux tajbin għall-ikel.

B. **Tolleranzi għad-daqs**

Għall-klassijiet kollha: 10 fil-mija skond in-numru jew il-piż ta' zukkini li ma jissodisfawx il-ħtiġiet tad-daqs iżda li jissodisfaw dawk tad-daqs minnufih l-isfel jew il-fuq dak speċifikat fuq il-pakkett.

Madankollu, din it-tolleranza hija applikabbli biss għall-prodotti li jvarjaw b'mhux aktar minn 10 fil-mija mill-limiti tad-daqs jew il-piż speċifikati.

V. DISPOSIZZJONIJIET LI JIRRIGWARDAW IL-PREŻENTAZZJONI

A. **Uniformità**

Il-kontenut ta' kull pakkett ħandu ikun uniformi u ikun fih biss zukkini ta' l-istess oriġini, varjetà jew tip kummerċjali, kwalità u daqs (jekk mogħtija daqs), u bejn wieħed u ieħor ta' l-istess grad ta' żvilupp u kulur.

Il-parti li tidher tal-kontenut tal-pakkeġġ trid tkun rappreżentattiva tal-kontenut kollu.

Minkejja d-disposizzjonijiet ta' qabel f'dan il-punt, il-prodotti koperti b'dan ir-Regolament jistgħu ikunu mħallta, f'pakketti għall-bejgħ ta' piż nett ta' tliet kilogrammi jew anqas, ma' tipi differenti ta' frott u ħxejjex friski bil-kondizzjonijiet stabbiliti bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 48/2003 [1].

Zukkini żgħar u zukkini preżentati bil-fjura għandhom ikunu raġonevolment uniformi fid-daqs. Zukkini żgħar jistgħu ikunu mħallta ma' prodotti oħra żgħar ta' tip differenti jew oriġini.

B. **Pakkjar**

Iz-zukkini għandhom ikunu ppakkjati b'dak il-mod sabiex il-prodotti ikunu protetti kif imiss.

Il-materjali użati ġewwa l-pakkeġġ iridu jkunu ġodda, nodfa u tal-kwalità hekk li jevitaw milli jikkawżaw kull ħsara fuq barra u fuq ġewwa tal-prodott. Huwa mħolli l-użu ta' materjali, partikolarment il-karta jew it-timbri li jġorru speċifikazzjonijiet kummerċjali kemm-il darba l-istampar jew it-tikkettjar ikunu ġew magħmula minn linka jew kolla li ma humiex tossiċi.

Il-pakkeġġi jridu jkunu ħielsa minn kull materjal barrani.

[1] ĠU L 7, tal-11.1.2003, pġ. 65.

VI. DISPOSIZZJONIJIET LI JIRRIGWARDAW IL-BEJGĦ FIS-SUQ

Kull pakkeġġ irid iġorr il-partikolaritajiet li ġejjin, f'ittri miġjuba fi gruppi fuq l-istess naħa, markati leġibbilment u li ma jitħassrux, u li jidhru minn fuq barra:

A. **Identifikazzjoni**

Min jippakkja u/jew min jibgħat: l-isem u l-indirizz jew il-marka tal-kodiċi uffiċjalment maħruġa jew aċċettata. Madankollu, fil-każ fejn tintuża marka tal-kodiċi, ir-referenza "Min jippakkja jew min jibgħat (jew abbrevjazzjonijiet)" għandhom jintwerew fi prossimità fil-qrib tal-marka tal-kodiċi.

B. **Natura tal-prodott**

Jekk il-kontenuti tal-pakkett ma jkunux jidhru minn barra:

— "Zukkini",

— "Zukkini bil-fjura" jew deskrizzjoni ekwivalenti, fejn xieraq.

C. **Oriġini tal-prodott**

— - Pajjiż ta' oriġini u, mhux obbligatorju, id-distrett fejn imkabbra jew l-isem nazzjonali, reġjonali jew lokali.

D. **Speċifikazzjonijiet kummerċjali**

— Klassi.

— Daqs (jekk mogħtija d-daqs) espress:
  — skond il-kejl minimu u massimu fejn id-daqs jingħata skond it-tul
  — skond il-piżijiet minimi u massimi fejn id-daqs jingħata skond il-piż.

— "zukkin żgħar", "Zukkini żgħar ħafna" jew xi espressjoni oħra adattata għall-prodotti żgħar, fejn xieraq. Fejn diversi tipi ta' prodotti żgħar ikunu mħallta fl-istess pakkett, il-prodotti kollha u l-oriġini rispettivi tagħhom għandhom ikunu msemmija.

E. **Marka uffiċjali tal-kontroll (b'għażla)**